MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru 751/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**JOSEF FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Josef Farrugia, ta’ 22 sena, bin Anthony u Mary nee’ Farrugia, imwieled Tal-Pieta’ nhar id-19 ta’ Marzu, 1980, residenti fil-fond numru 5, Gardenia Road, Santa Lucia, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 168580(M);

1. Akkuzat talli f’Rahal Gdid, bil-lejl, u fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Mejju, 2002 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-istabbiliment Carters Supermarket, liema oggetti jiswew iktar minn Lm100 (mitt lira maltin), izda anqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), u dan ghad-

dannu ta' Patrick Dalli, u jew terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat mill-mezz, valur, u hin;

2. Akkuzat ukoll, talli fl-istess data, hin, lok, u cirkonstanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fl-imsemmi stabbiliment liema hsara tiskorri l-Lm50.00 (hamsin lira maltin), izda inqas minn Lm500.00 (hames mitt lira maltin), ghad-dannu tal-istess sid u cioe' Patrick Dalli u jew terzi persuni;

3. U kif ukoll talli huwa recediv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi, u li ma jistghux jigu mhassra, kif ukoll talli kkommetta delitt fil-perjodu operattiv tal-Ordni tal-Probation imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 325, u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Josef Farrugia hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ghal zmien tlitt (3) snin, minn liema perjodu ghadnu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------